# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 280/00 AJM**

**Fl-atti tas-subasta numru 270/99**

**Doris Busuttil**

**vs**

**Carmelo Busuttil**

**Il-Qorti,**

**<u>Id-digriet appellat</u>**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 2000, tat is-segwenti digriet f'rikors ta' Carmelo Busuttil:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Carmelo Busuttil prezentat fil-15 ta’ Frar, 2000, li permezz tieghu talab li a termini ta’ l-artikolu 283 (A) tal-Kap 12 tirerevoka mandat ta’ qbid esekuttiv numru 3363/99. It-talba hekk maghmula hija bazata fuq allegazzjoni li l-ammont indikat fil-mandat ma huwiex kanonizzat b’sentenza.

Rat ir-risposta ta’ l-intimata fejn gie rilevat li l-ammont indikat fil-mandat gie kanonizzat b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-23 ta’ Jannar, 1998, fil-kawza bejn il-kontendenti.

Ikkunsidrat:-

Illi fi proceduri ghas-separazzjoni li kienu gew istitwiti mill-intimata odjerna fl-1991 fost affarijiet ohra b’sentenza ta’ l-14 ta’ Dicembru, 1993 l-ewwel Qorti kkundannat lir-rikorrent odjern ihallas lill-intimata, attrici f’dawn il-proceduri, bhala alimenti s-somma ta’ Lm40.00 fix-xahar ghaliha u Lm20 fix-xahar ghal kull wiehed mill-minuri b’kollox Lm80,00 fix-xahar. Din is-sentenza giet appellata izda giet konfermata in toto b’sentenza tat-23 ta’ Jannar, 1998.

L-intimata odjerna ghalhekk ikkomputat l-arretrati kollha ta’ manteniment b’effett mill-14 ta’ Dicembru, 1993 u talbet l-ezekuzzjoni bil-mandat fuq imsemmi.

Ir-rikorrent, filwaqt li jirrikonoxxi s-sentenza imsemmija u l-obbligi minnha naxxenti, qed isostni li l-ammont indikat fil-mandat mhux kanonizzat b’ebda sentenza u li l-attrici (intimata f’dawn il-proceduri) ghandha terga tistitwixxi proceduri *ad hoc* sabiex ikollha pronunzjment gudizzjarju li l-ammont dovut bhala manteniment huwa dak indikat fil-mandat.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 283 (A) tal-Kap 12 li a bazi tieghu gew istitwiti dawn il-proceduri, jawtorizza lill-Qorti sabiex fuq talba tal-parti li kontrih jinhareg mandat esekuttiv, li tirrevoka l-istess sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, *ghal raguni valida skond il-ligi*.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ammont dikjarat dovut bis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ta’ l-14 ta’ Dicembru, 1993 jikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra l-konvenut f’dawk il-proceduri, mhux biss ghall-ammont dikjarat dovut ta’ xahar izda ghal kull skadenza ta’ manteniment li ma tigix onorata mill-obbligat. Fi

> proceduri fejn tintalab li tigi fissata retta alimentarja kull ammont dovut fil-futur in forza ta' dik is-sentenza huwa ezegwibbli in forza taghha. Mhux mehtieg li l-kreditur jadixxi l-Qorti kull darba li jkun hemm skadenza li ma thallsitx. Il-kundanna fi proceduri simili thares il quddiem billi l-alimenti huma intizi sabiex jiggarantixxu l-ghajxien tal-persuna li tibbenefika minnhom. Ghalhekk wiehed ma ghandux jistenna li wara li r-retta alimentarja tigi ffissata mill-Qorti, li l-kreditur irid kull darba jottjeni sentenza ghal kull ammont dovut. Izjed u izjed meta, bhal fil-kaz in ezami lanqas biss ma qieghed jigi allegat li l-ammont mhux dovut billi, per ezempju, ghax thallas jew ghal xi raguni ohra.
>
> Illi din il-Qorti ghalhekk ma thossx li dak li qed isostni r-rikorrent jista' jigi kunsidrat bhala "*raguni valida skond il-ligi*" imsemmija fl-artikolu 283 (A). U jekk ir-rikorrent ghandu xi ilment dwar il-kreditu pretiz, dawn il-proceduri mhux idonei ghall-iskop li jrid jilhaq.
>
> Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrent".

## **<u>Appell</u>**

L-intimat Carmelo Busuttil appella minn dan id-digriet b'aggravju:

> "Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi meta tenniet illi t-titolu esekuttiv li a bazi tieghu gie ipprezentat il-mandat mertu ta' dawn il-proceduri huwa s-sentenza tas-separazzjoni personali. Huwa kalkolu arbitrarju dak li ghamlet l-appellata meta qabdet u waslet ghal somma allegatament rapprezentanti arretrati ta' manteniment minghajr ma strahet fuq l-ebda gudizzju tal-Qorti illi l-ammont dovut huwa dak indikat fil-mandat odjern".

Dan l-appell gie intavolat quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2000.

Ir-rikorrenti appellata, Doris Busuttil, eccepiet preliminarjament illi l-appell kien irritu u null peress li gie pprezentat fuori termine.

**Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti**

Is-subinciz 4 ta' l-artikolu 283 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li appell minn digrieti ta' din ix-xorta kellu jsir fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh. L-ewwel Qorti qrat dan id-digriet fis-seduta li zammet fit-22 ta' Mejju, 2000. Billi l-appell gie pprezentat kif inghad fid-9 ta' Gunju, 2000, hu car li kien skada z-zmien li fih seta' jsir appell minn dan il-provvediment. L-eccezzjoni ta' l-irritwalita' billi gie ntavolat fuori termine hi allura sostnuta.

Konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell u tordna li jigi kancellat minn fuq il-lista. Spejjez ghall-appellant.

Dep/Reg

mm